Nru./No. 20,909
Prezz/Price
€0.36

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

L-Erbgħa, 17 ta' Awwissu, 2022
Wednesday, 17th August, 2022

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern 11,841
Government Notices *11,841*

Avviżi tal-Gvern ..... 11,841 - 11,842
Notices ..... *11,841 - 11,842*

Avviżi tal-Qorti ..... 11,842 - 11,844
Court Notices ..... *11,842 - 11,844*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 1019

ATT DWAR GVERN LOKALI
(KAP. 363)

IL-KUMMISSJONI Elettorali tgħarraf illi l-kandidat elett bħala Kunsillier fl-elezzjoni każwali li saret nhar l-Erbgħa, is-17 ta' Awwissu, 2022 għall-Kunsill Lokali ta' Il-Gżira biex jimtela l-post li tbattal mis-Sur Shaun Farrugia huwa dak li ismu jidher hawn taħt:

AZZOPARDI MARIO

J. CAMILLERI
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

Is-17 ta' Awwissu, 2022

Nru. 1020

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI
U ARKIVJI NUTARILI
(KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'dan illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili nnominat lin-Nutar Dottor Keith Zammit Mintoff bħala nutar delegat u konservatur tal-atti tan-Nutar Dottor Daniela Mercieca u dan għall-perjodu bejn is-7 ta' Settembru, 2022 u l-20 ta' Settembru, 2022.

Illum, 16 ta' Awwissu, 2022

DR MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.)
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

FORZI ARMATI TA' MALTA

Programm ta' Sparar Attiv fir-Ranges ta' Pembroke – Settembru u Ottubru 2022

Il-Forzi Armati ta' Malta se jwettqu programm ta' sparar attiv mir-Ranges ta' Pembroke matul ix-xhur ta' Settembru u Ottubru 2021, fid-dati u l-ħinijiet indikati hawn taħt:

Mill-Ħamis, l-1 ta' Settembru, 2022, sal-Ġimgħa, 2 ta' Settembru, 2022, mit-8.00 a.m. sas-1.30 p.m. (ħin lokali)

GOVERNMENT NOTICES

No. 1019

LOCAL GOVERNMENT ACT
(CAP. 363)

THE Electoral Commission notifies that the candidate elected as Councillor in the casual election held on Wednesday, 17th August, 2022 for the Local Council of Il-Gżira to fill the post vacated by Mr Shaun Farrugia is that whose name is shown hereunder:

AZZOPARDI MARIO

J. CAMILLERI
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

17th August, 2022

No. 1020

NOTARIAL PROFESSION AND
NOTARIAL ARCHIVES ACT
(CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Keith Zammit Mintoff to be notary delegate and keeper of the Acts for Notary Dr Daniela Mercieca, for the period between the 7th September, 2022 and the 20th September, 2022.

Today, the 16th August, 2022

DR MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.)
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

ARMED FORCES OF MALTA

Live Firing Programme – Pembroke Ranges – September and October 2022

Live firing practice will be taking place at Pembroke Ranges during the months of September and October 2022. Respective dates and timings are indicated hereunder:

From Thursday, 1st September, 2022, till Friday, 2nd September, 2022, from 8.00 a.m. till 1.30 p.m. (local time)

Nhar it-Tnejn, 5 ta' Settembru, 2022, mit-8.00 a.m. sas-1.30 p.m. (ħin lokali)

Mit-Tlieta, 6 ta' Settembru, 2022, sal-Erbgħa, 7 ta' Settembru, 2022, mit-8.00 a.m. sal-4.00 p.m. (ħin lokali)

Nhar il-Ġimgħa, 9 ta' Settembru, 2022, mit-8.00 a.m. sas-1.30 p.m. (ħin lokali)

Nhar it-Tnejn, 12 ta' Settembru, 2022, mit-8.00 a.m. sal-4.00 p.m. (ħin lokali)

Mit-Tlieta, 13 ta' Settembru, 2022, sal-Erbgħa, 14 ta' Settembru, 2022, mit-8.00 a.m. sal-4.00 p.m. (ħin lokali)

Mill-Ħamis, 15 ta' Settembru, 2022, sal-Ġimgħa, 16 ta' Settembru, 2022, mit-8.00 a.m. sas-1.30 p.m. (ħin lokali)

Nhar it-Tnejn, 19 ta' Settembru, 2022, mit-8.00 a.m. sas-1.30 p.m. (ħin lokali)

Nhar it-Tlieta, 20 ta' Settembru, 2022, mit-8.00 a.m. sal-4.00 p.m. (ħin lokali)

Mill-Erbgħa, 21 ta' Settembru, 2022, sal-Ġimgħa, 23 ta' Settembru, 2022, mit-8.00 a.m. sas-1.30 p.m. (ħin lokali)

Mit-Tnejn, 26 ta' Settembru, 2022, sal-Ġimgħa, 30 ta' Settembru, 2022, mit-8.00 a.m. sas-1.30 p.m. (ħin lokali)

Mit-Tnejn, 3 ta' Ottubru, 2022, sal-Ġimgħa, 7 ta' Ottubru, 2022, mit-8.00 a.m. sal-4.00 p.m. (ħin lokali)

Mit-Tnejn, 10 ta' Ottubru, 2022, sal-Ġimgħa, 14 ta' Ottubru, 2022, mit-8.00 a.m. sal-4.00 p.m. (ħin lokali)

Mit-Tnejn, 17 ta' Ottubru, 2022, sal-Ġimgħa, 21 ta' Ottubru, 2022, mit-8.00 a.m. sal-4.00 p.m. (ħin lokali)

Mit-Tnejn, 24 ta' Ottubru, 2022, sal-Ġimgħa, 28 ta' Ottubru, 2022, mit-8.00 a.m. sal-4.00 p.m. (ħin lokali)

L-entitajiet kollha huma infurmati li l-FAM se jattivaw LMD-6 Pembroke low, żona b'raġġ ta' erba' (4) mili nawtiċi b'ċentru fuq il-pożizzjoni 355554N 0142832E li tgħaqqad il-punti li ġejjin: 355946N 0142715E - 35 5829N 0143219E.

Il-bastimenti kollha għandhom iżommu erba' (4) mili nawtiċi 'l bogħod mix-xatt ta' Pembroke fid-dati u l-ħinijiet imsemmija.

Għandhom jittajru bnadar ħomor fil-limiti tar-ranges konċernati fid-dati u l-ħinijiet imsemmija.

MATS għandhom jattivaw LMD 6 'Pembroke low' waqt il-ħinijiet imsemmija.

Is-17 ta' Awwissu, 2022

On Monday, 5th September, 2022, from 8.00 a.m. till 1.30 p.m. (local time)

From Tuesday, 6th September, 2022, till Wednesday, 7th September, 2022, from 8.00 a.m. till 4.00 p.m. (local time)

On Friday, 9th September, 2022, from 8.00 a.m. till 1.30 p.m. (local time)

On Monday, 12th September, 2022, from 8.00 a.m. till 4.00 p.m. (local time)

From Tuesday, 13th September, 2022, till Wednesday, 14th September, 2022, from 8.00 a.m. till 4.00 p.m. (local time)

From Thursday, 15th September, 2022, till Friday, 16th September, 2022, from 8.00 a.m. till 1.30 p.m. (local time)

On Monday, 19th September, 2022, from 8.00 a.m. till 1.30 p.m. (local time)

On Tuesday, 20th September, 2022, from 8.00 a.m. till 4.00 p.m. (local time)

From Wednesday, 21st September, 2022, till Friday, 23rd September, 2022, from 8.00 a.m. till 1.30 p.m. (local time)

From Monday, 26th September, 2022, till Friday, 30th September, 2022, from 8.00 a.m. till 1.30 p.m. (local time)

From Monday, 3rd October, 2022, till Friday, 7th October, 2022, from 8.00 a.m. till 4.00 p.m. (local time)

From Monday, 10th October, 2022, till Friday, 14th October, 2022, from 8.00 a.m. till 4.00 p.m. (local time)

From Monday, 17th October, 2022, till Friday, 21st October, 2022, from 8.00 a.m. till 4.00 p.m. (local time)

From Monday, 24th October, 2022, till Friday, 28th October, 2022, from 8.00 a.m. till 4.00 p.m. (local time)

The attention of all entities concerned is drawn to the fact that the AFM will be activating LM-D6 Pembroke low, an area with 4 NM radius centered on 355554N 0142832E joining the following points: 355946N 0142715E - 35 5829N 0143219E.

All vessels are to keep four nautical miles (4 NM) off Pembroke coast during the above dates and times.

Red marker flags, indicating that the ranges are in use will be flown on the dates and times in caption from the limits of the ranges concerned.

MATS is to activate LMD 6 'Pembroke low' during the above times.

17th August, 2022

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1441

Permezz ta' digriet mogħti fis-7 ta' Jannar, 2022, mill-Qorti Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2199/2021, fl-ismijiet INDIS Malta Ltd vs Andrew Debattista Segond, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-

By means of a decree of the 7th January, 2022, of the Civil Court First Hall in the records of judicial letter number 2199/2021, in the names INDIS Malta Ltd vs Andrew Debattista Segond, the following publication was ordered

konfront tal-intimat a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 27 ta' Mejju, 2021

Lil Andrew Debattista Segond (KI94573M) ta' TQL024, Ta' Qali Crafts Village, Ta' Qali, Ħ'Attard, u 37B, The Penthouse, Triq Stella Maris, Tas-Sliema

Permezz tal-preżenti INDIS Malta Ltd (C28965) ta' 88, Triq il-Wied tal-Imsida, Birkirkara, filwaqt li tagħmel riferenza għall-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Tiziana Maria Refalo tal-25 ta' Marzu illi permezz tiegħu l-mittenti kkonċediet b'titolu ta' ċens temporanju għall-perjodu ta' 65 sena, liema terminu beda jiddekorri mid-data tal-att, biċċa art u kull binja li jista' jinstab fuqha sitwata ġewwa Ta' Qali Crafts Village limiti ta' Ħ'Attard magħrufa bħala TQL024 li għandha kejl superfiċjali ta' ċirka 245mk u għandha l-konfini tagħha jmissu ma' proprjetà tal-Gvern, tinterpellak sabiex entro tletin (30) ġurnata min-notifika ta' din l-ittra tottempora ruħek mal-kundizzjonijiet stipulati fi kwalsoli wieħed (1) u tlieta (3) tal-istess kuntratt billi sal-lum inti nqast mili ttella' benefikati li ma jqumux inqas minn €240,000 netti mill-VAT, kif ukoll inqast milli tagħmel użu mis-sit għal skop industrijali u speċifikament għall-manifattura ta' woodworks.

Fin-nuqqas li tottempora ruħek ma' din l-intima entro t-terminu fuq imsemmi, is-soċjetà mittenti ma jibqgħalha ebda għażla oħra għajr li tirrikorri għax-xoljiment tal-enfitewsi temporanja, l-iżgumbrament tiegħek u l-ħlas tal-penali quddiem il-Qorti kompetenti.

Tant sabiex tagħraf tirregola ruħek u jkunu evitati spejjeż u proceduri.

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati tal-Superjuri, illum 12 ta' Awwissu, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

In the First Hall of the Civil Court

Today 27th May, 2021

To Andrew Debattista Segond (ID 94573M) of TQL024, Ta' Qali Crafts Village, Ta' Qali, Ħ'Attard, and 37B, The Penthouse, Triq Stella Maris, Tas-Sliema

By the present INDIS Malta Ltd (C28965) of 88, Triq il-Wied tal-Imsida, Birkirkara, whilst referring to the deed in the records of Notary Doctor Tiziana Maria Refalo dated 25th March by means of which the interpellant granted by title of temporary emphyteusis for a period of 65 years, which period began to run from the date of the deed, a piece of land and any building that can be found on it located in Ta' Qali Crafts Village limits of Ħ'Attard known as TQL024 that has superficial measurement of about 245sqm and which is bounded with Government property, solicits you so that within thirty (30) days from the notification of this letter you comply with conditions number one (1) and three (3) of the same deed, because until today you failed to construct improvements which are not less than €240,000 net of VAT, and you failed to make use of the site for an industrial purpose and specifically for the manufacture of woodworks.

If you do not comply with this letter within the term above mentioned, the interpellant company will have no other option than to resort to the dissolution of the temporary emphyteusis, your eviction and the payment of the penalty before the competent Court.

So much for your own guidance and to avoid costs and procedures.

With costs

Registry of the Superior Courts today 12th August, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1442

Ikun jaf kulħadd illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġuriżdizzjoni Volontarja fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) (Rikors numru 79/2022BS) minn Lisa Gauci, intalbet l-apertura tas-suċċessjoni ta' Gerald Gauci, ġja miżżewweġ lil Lisa Gauci née Haber, iben il-mejjet Emanuel Gauci u Carmela née Formosa, imwieled Victoria, Għawdex, fl-erbgħa u għoxrin (24) ta' Awwissu tas-sena elf disa' mija u sebgħin (1970) u ġja residenti x-Xewkija, Għawdex, u

It is hereby notified that by an application filed in the Court of Magistrates (Gozo) Voluntary Jurisdiction on the twenty-five (25th) of July of they year two thousand and twenty two (2022) (Application number 79/2022BS), Lisa Gauci requested the opening of the succession of Gerald Gauci, formerly married to Lisa Gauci née Haber, son of the late Emanuel Gauci and Carmela née Formosa, born in Victoria, Gozo, on the twenty-four (24th) of August of the year one thousand nine hundred and seventy (1970) and formerly resident in Xewkija, Gozo,

miet ġewwa Victoria, Għawdex, fit-tletin (30) ta' Diċembru tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021), intestat. Illi d-de cuius ma ħalliex ulied jew dixxendenti oħra. Illi huwa meħtieġ li s-suċċessjoni tal-imsemmi Gerald Gauci għandha ssir favur l-eredi tiegħu skont il-liġi u ċjoè martu Lisa Gauci (KI 397591M) f'sehem sħiħ, ġie ordnat il-ħruġ ta' dan il-bandu biex jiġi mgħarraf kull min jista' jkollu x'jaqsam fih.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa b'dan imsejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Volontarja

Illum 12 ta' Awwissu, 2022

DANIEL SACCO
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

and died in Victoria, Gozo, on the thirty (30th) of December of the year two thousand and twenty-one (2021), intestate. That the de cuius left no other children or descendants. That it is necessary that the succession of the said Gerald Gauci should be made in favor of his heirs according to law and that is to his wife Lisa Gauci (ID 397591M) in full share, the issuance of this ban was ordered to inform anyone involved.

Wherefore, any person who considers having an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo), Voluntary Jurisdiction

This 12th of August, 2022

DANIEL SACCO
For the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

1443

Ikun jaf kulħadd illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġuriżdizzjoni Volontarja fis-sitta u għoxrin (26) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) (Rikors numru 81/2022BS) minn Alice sive Helen Frix-Ross, intalbet l-apertura tas-suċċessjoni ta' Salvu Said, ġja miżżewweġ lil Anna née Buttigieg u armel ta' Rosa née Camilleri, bin il-mejtin Angelo Said u Maria née Said, imwieled in-Nadur u miet ġewwa n-Nadur, Għawdex, fis-sittax (16) ta' Lulju tas-sena elf disa' mija u erbgħa u sittin (1964), intestat. Illi d-decujus kien miżżewweġ lil Anna née Buttigieg u kien armel minn Rosa née Camilleri. Illi l-eredi tiegħu mhumiex magħrufa. Illi l-assi tad-decujus fl-epoka ta' mewtu kienu jikkonsisti fi kwart (1/4) indiviż tal-fond urban numru disgħin (90), Triq il-Knisja, In-Nadur, Għawdex. Illi huwa meħtieġ li s-suċċessjoni tal-imsemmi Salvu Said għandha ssir favur l-eredi mhux magħrufa tiegħu skont il-liġi, ġie ordnat il-ħruġ ta' dan il-bandu biex jiġi mgħarraf kull min jista' jkollu x'jaqsam fih.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa b'dan imsejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 16 ta' Awwissu, 2022

DANIEL SACCO
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

It is hereby notified that by an application filed in the Court of Magistrates (Gozo) Voluntary Jurisdiction on the twenty-six (26th) of July of they year two thousand and twenty two (2022) (Application number 81/2022BS), Alice sive Helen Frix-Ross requested the opening of the succession of Salvu Said, formerly married to Anna née Buttigieg and widower of Rosa née Camilleri, son of the late Angelo Said and Maria née Said, born in Nadur and died in Nadur, Gozo, on the sixteenth (16) of July of the year one thousand nine hundred and sixty-four (1964), intestate. That the decujus was married to Anna née Buttigieg and was widowed by Rosa née Camilleri. That his heirs are not known. That the decedent's assets at the time of his death consisted of an undivided quarter (1/4) of urban property number ninety (90), Triq il-Knisja, Nadur, Gozo. That it is necessary that the succession of the said Salvu Said should be done in favor of his undisputed heirs according to the law, the issuance of this ban was ordered to inform anyone involved.

Wherefore, any person who considers to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo), Voluntary Jurisdiction

This 16th of August, 2022

DANIEL SACCO
For the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper from responsible sources
FSC® C140603